

# RIFORMA
# **KOSTITUZZJONALI**

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA
U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

## INTRODUZZJONI

Fl-aħħar xhur il-Gvern wettaq numru ta' diskussjonijiet u xtarr diskorsi u rapporti li jittrattaw u jeħtieġu tibdil kostituzzjonali, inkluż dawk mis-Sinjorija tiegħu l-Prim Imħallef fil-ftuħ tas-sena forensi u stqarrijiet mill-Kamra tal-Avukati.

Sussegwement, ġew abbozzati l-emendi neċessarji, u dovut in-natura kostituzzjonali tagħhom, kien opportun li dawn l-emendi jinġiebu għall-attenzjoni tal-Oppożizzjoni, qabel ma' ssir il-Pubblikazzjoni.

Din ir-riforma tkompli tibni fuq in-numru estensiv ta' bidliet li implimenta l-Gvern fil-Kostituzzjoni, b'mod partikolari dak li jittratta s-settur tal-Ġustizzja.  l-emendi għandhom l-għan li jsaħħu l-effiċjenza u jgħollu l-istandards fil-ġustizzja. B'hekk iċ-ċittadini ta' pajjiżna jkompli jkollhom istituzzjonjiet tal-ogħla livell.

## L-EMENDI HUMA S-SEGWENTI:

### L-EWWEL EMENDA

Din tindirizza l-fatt li t-test tal-kostituzzjoni jeskludi l-possibilità li Mħallef ikun eleġibbli biex jinħatar President, waqt li Maġistrat huwa eleġibbli.

### IT-TIENI EMENDA

Insegwitu tal-messaġġ tas-Sinjorija tiegħu l-Prim Imħallef fil-ftuħ tas-sena forensi, svolġiet diskussjoni dwar il-proposta ta’ żieda ta' Artikolu ġdid li jipprovdi għall-ħolqien ta' tliet sezzjonijiet biex jisimgħu kawżi kostituzzjonali. Kull sezzjoni għandha tkun preseduta mill-Prim Imħallef, u kawżi relatati mal-elezzjonijiet tal-membri parlamentari, interpretazzjonijiet u validità tal-kostituzzjoni u numru ta' elementi sensittivi oħra għandhom jinstemgħu biss mill-ewwel sezzjoni.

## IT-TIELET EMENDA

Inlinea mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tas-Saltna tad-dritt tal-Kummissjoni Ewropea, qed tkun proposta emenda li tipprovdi li l-Prim Ministru għandu jikkonsulta mal-persuna li f'dak iż-żmien tkun qed tokkupa l-kariga ta' Prim Imħallef, bħala l-President u rappreżentant tal-Ġudikatura kollha u mal-President ta' Malta, li għandu l-irwol ukoll li jmexxi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, dwar l-għażla tal-persuna sabiex tinħatar fil-kariga ta' Prim Imħallef.

Sussegwentement, il-Prim Ministru għandu jagħmel dikjarazzjoni fil-Parlament li biha jikkonferma l-konsultazzjoni.

## IR-RABA' EMENDA

Preżentament, kull meta ssir ħatra ta' membru ġdid tal-ġudikatura, il-President ta' Malta trid tippubblika wkoll it-tliet ismijiet tal-kandidati li kienu kkunsidrati bħala l-iktar idoneji. Wara dikjarazzjonijiet li saru mis-Sinjorija tiegħu l-Prim Imħallef f'diskors tal-ftuħ tas-sena forensi, kif ukoll fid-dawl ta' stqarrija riċenti mill-Kamra tal-Avukati, qiegħed ikun propost li minflok issir pubblikazzjoni tal-ismijiet, u biex tkun assigurata trasparenza fil-proċess, l-ismijiet tat-tliet kandidati għandhom jinżammu f'reġistru permanenti, li għandu jinżamm sigriet u għandu jkun aċċessibbli biss għall-membri tal-Kumitat, għall-Prim Ministru u għall-Kap tal-Oppożizzjoni.

## IL-ĦAMES EMENDA

Wara analiżi tal-benchmarks Ewropej, u fid-dawl tal-fatt li fiż-żmien li ġej ser ikun hemm numru sostanzjali ta' membri tal-ġudikatura li waslu fl-età tal-irtirar ta' 68 sena, qiegħed ikun propost li tiżdied l-età tal-irtirar għal sebgħin (70) sena.

Għal dan il-għan qed ikun propost li l-ġudikant, qabel l-għeluq tal-65 sena juri l-interess lill-Prim Imħallef u lill-President l-intenzjoni li jibqa' fil-kariga. Dawn għandhom jikkomunikaw dak l-interess lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għall-approvazzjoni tagħha tat-tkomplija fil-kariga. L-istess proċedura għandha tapplika meta ġudikant jagħlaq 68 u juri l-interess li jestendi sal-età ta' 70 sena.

## IS-SITT EMENDA

Preżentament, il-kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali, hu sottokumitat tal-Amministrazzjoni u hu vestit fil-proċedura tal-etika tal-Avukati u Prokuraturi Legali. Huwa fatt magħruf li l-kumitat għandu numru sostanzjali ta' ilmenti pendenti.

Fid-dawl tad-deċizjoni tal-Qorti Ċivili sede Kostituzzjoni u diskussjonijiet sussegwenti mal-Kamra tal-Avukati, qiegħed ikun propost li t-terminu inizjali jkun ta' 6 xhur, bil-possibbiltà ta' estensjoni ta' 6 xhur oħra. B'hekk il-Kumitat ikun f’pożizzjoni li jirċievi, jisma’ u jiddeċiedi l-ilmenti f’perjodu aktar realistiku.

## IS-SEBA' EMENDA

Insegwitu tal-messaġġ tas-Sinjorija tiegħu l-Prim Imħallef fil-ftuħ tas-sena forensi tal-2023/24, u diskussjonijiet mal-Assoċjazzjoni tal-Ġudikatura, liema diskussjonijiet wasslu għall-ftehim fuq numru ta' prinċipji ewlenin li jirrigwardaw l-etika u l-istandards, ġew imfassla proċeduri ġodda li jirregolaw l-istess etika u standards.

Għal dan il-għan qed tiġi istitwita l-kariga ta’ Kummissarju għall-Istandards tal-Ġudikatura, li għandu ikun maħtur mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għal periodu ta’ tliet (3) snin, li jkun okkupat minn Imħallef jew Maġistrat irtirat jew Avukat anzjan mhux prattikanti.

Il-Kummissarju, għandu jilqa’ tħassib bil-miktub, mill-Prim Imħallef, mill-Ministru, kif ukoll mill-pubbliku, dwar xi membru tal-ġudikatura li jista' jagħti lok għad-dixxiplina tiegħu taħt l-artikolu 101B. Għandu jkollu r-rwol illi jinvestiga l-ilmenti, fil-magħluq, billi jisma’ lil kull min huwa involut u jitlob għal kwalunkwe informazzjoni, u jirrapporta bil-miktub lill-Prim Imħallef u lill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, b’kopja lill-Ġudikant investigat, jekk mill-investigazzjoni jsib li hemm biżżejjed evidenza prima facie jew le, u jekk għalhekk għandhomx jinbdew jew le proċeduri ta' dixxiplina kontra Imħallef jew Maġistrat.

F’każ illi r-rapport jiġi riferut lill-Kumitat għall-Imħallfin u l-Maġistrati, il-Kummissarju għandu jassumi l-irwol ta’ prosekutur f'isem l-ilmentatur.

Il-Kummissarju għandu l-irwol ukoll li b'konsultazzjoni mal-Ġudikatura jagħmel analiżi tal-caseload u l-istatistika, kemm kollettivament kif ukoll individwalment, kif preżentata lilu mid-direttorat fi ħdan il-Ministeru responsabbli mill-Ġustizzja.

## IT-TMIEN EMENDA

Qed ikun provdut li l-kariga ta' Awditur Ġenerali tiġi inlinea ma’ karigi kostituzzjonali oħrajn u ċoè li, fl-eventwalità li ma jkunx hemm qbil u riżoluzzjoni li tikseb iż-żewġ terzi tal-voti tal-kamra tad-deputati, l-Awditur Ġenerali jibqa' fil-kariga sakemm jinħatar wieħed ġdid.

## EMENDI ULTERJURI

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni tal-Liġijiet, qegħdin ikunu proposti wkoll numru ta' emendi minuri li jittrattaw fost l-oħrajn: aġġornament ta' cross-referencing għall-artikoli u kjarifika fit-total tal-kompożizzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

ġustizzja